**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 276/2019 RM**

**Dr Remigio Zammit Pace (KI 116639M), Carmen Cutajar (KI 1049347 M), John Dougall (KI 570452M), u Henriette Dougall (KI 496753M), Mario Cutajar (KI 905846M), Paul Camilleri (KI 630860M) u Josianne Camilleri (KI 524265M), Property Owners Limited (C 22658), David Dowdall (KI 716947M) u Elizabeth Dowdall (KI 411350 M), Alain Mangion (KI 405263M) u Gaetano Cutajar (KI 371447M)**
**-Vs-**

**Café` Cuba Limited (C 46846)**

**Illum, 31 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Novembru 2019 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallashom is-somma komplessiva ta' ghaxart elef Euro (€10,000), ammont li huwa wiehed cert u likwidu u li ghalaq, dovut lilhom, u li jikkonsisti fi hlasijiet naxxenti mill-kunntratt datat 29 ta' Mejju 2017 iffirmat bejn il-partijiet, partikolarment klawsola hamsa (5) tal-istess; kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) li ghalqet fl-1 ta' Jannar 2018 u kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) ohra, li ghalqet fl-1 ta' Jannar 2019, skont l-anness document immarkat 'Dok. A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dik ta' l-ittra gudizzjarja datata 8 ta' Lulju 2019 (Numru 2536/2019) u dik datata 26 ta' Settembru 2019, bil-procedura tal-Artikolu 166A (Nru 2755/2019) u bl-imghax skont il-ligi.

Rat illi s-socjeta` konvenuta debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza fl-24 ta' Dicembru 2019[1], la dehret quddiem il-Qorti sabiex tikkontesta t-talba tal-atturi u lanqasipprezentat Risposta formali fir-Registru tal-Qorti;

Rat is-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2020 fejn iddeċidiet:-

*"... illi filwaqt li tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-attur Gaetano Cutajar, tilqa' t-talba tal-bqija tal-atturi u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess atturi l-ohra in solidum bejniethom is-somma komplessiva ta' ghaxart elef Euro (€10,000) ghar-ragunijiet imsemmija fir-Rikors promotur: kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) li kienet dovuta fl-1 ta' Jannar 2018, bl-imghax mis-26 ta' Settembru 2019, u kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) li kienet dovuta fl-1 ta' Jannar 2019, bl-imghax mit-8 ta' Lulju 2019.*

*L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2536/2019 u tal-ittra ufficjali bin-numru 2755/2019, jithallsu mis-socjeta` konvenuta."*

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ppreżentat minn Cafe Cuba Limited fit-2 ta' Settembru 2021 fejn ġie premess u mitlub:-

*"Illi bir-rikors promotur tad-29 ta' Novembru 2019 l-atturi ritrattati talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ritrattandi thallashom is-somma komplessiva ta' ghaxart elef Euro (€10,000), ammont li skond huma huwa wiehed cert u likwidu u li ghalaq, dovut lilhom, u li jikkonsisti fi hlasijiet naxxenti mill-kuntratt*

[1] Ara referta fol. 21 *tergo*.

*datat 29 ta' Mejju 2017 iffirmat bejn il-partijiet, partikolarment klawsola hamsa (5) tal-istess; kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) li ghalqet fl-1 ta' Jannar 2018 u kwantu ghas-somma ta' hamest elef (€5,000) ohra, li ghalqet fl-1 ta' Jannar 2019, skont 'Dok A' fil-process.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dik ta' l-ittra gudizzjarja datata 8 ta' Lulju 2019 (Numru 2536/2019) u dik datata 26 ta' Settembru 2019, bil-procedura tal-Artikolu 166A (Nru. 2755/2019) u bl-imghax skont il-ligi.*

*Illi din l-Onorabbli Qorti, mill-atti processwali li kellha quddiemha qieset illi s-socjeta' konvenuta ritrattandi giet debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza fl-24 ta' Dicembru 2019, u li la dehret quddiem il-Qorti sabiex tikkontesta t-talba tal-atturi ritrattati u lanqas ipprezentat Risposta formali fir-Registru tal-Qorti.*

*Illi bis-sentenza taghha tas-26 ta' Ottubru 2020 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet il-vertenza bil-mod kif gej:-*

*-omissis-*

*Illi l-esponenti mhux talli qatt ma kienet notifikata skont il-Ligi bl-atti odjerni talli lanqas biss kellha konoxxenza dwar l-ezistenza ta' din il-kawza, u dan sakemm rceviet ittra minghand il-konsulent legali tal-atturi ritrattati datata 5 ta' Awwissu 2021, Dok CC1 hawn anness, fejn hija intalbet thallas dak dovut minnha skont is-sentenza de quo.*

*Illi l-esponenti ghamlet il-verifici taghha fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti u ezaminat l-atti processwali, senjatament ir-riferti relattivi, u mill-pink card in kwistjoni, Dok CC2 hawn anness, rrizulta illi r-rikors promotur u l-avviz tas-smigh gew notifikati f'idejn certu Marion Bugeja.*

*Illi jirrizulta illi l-imsemmija Marion Bugeja li ghandha karta tal-identita' nru. 384284M u social security number B37477458 hija impjegata ma' kumpanija terza, ossia John G. Cassar Limited (C-189) illi topera mill-istess binja fejn ghandha r-registered address taghha s-socjeta' konvenuta ritrattandi, u mhux ma' Cafe Cuba Limited, u qatt ma kienet awtorizzata tircievi posta indirizzata lis-socjeta konvenuta ritrattandi Cafe Cuba Limited.*

*Illi inoltre, la hija direttur u/jew rapprezentant tas-socjeta' Cafe Cuba Limited, biex b'hekk, fi kwalunkwe kaz, kull notifika lilha maghmula mhix maghmula skont il-Ligi.*

*Illi huwa inkongruwu illi n-notifika kie jirrizulta mid-dokument hawn anness lill-imsemmija Marion Bugeja saret lejliet il-Milied tas-sena 2019.*

*Illi s-socjeta intimata ritrattandi qatt ma rceviet l'ebda notifika ta' dawn l-atti u jkun ingust illi hija tigi kunsidrata hekk notifikata meta hadd mill-funzjonarji tal-kumpanija jew nies minnhom imqabbda gew debitament hekk notifikati.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 187(4) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, "(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalita' guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssor billi tithalla kopja tal-iskrittura: (a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartiolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew (b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)"*

*Illi l-Artikolu 181A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:*

*– omissis-*

*Illi l-imsemmija Marion Bugeja ma taqa taht l'ebda wahda mill-persuni msemmija fl-artikoli succitati.*

*Illi dwan dan l-artikolu tal-ligi l-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza tas-17 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet Middle Sea Insurance p.l.c -vs- Francis Chetcuti et kellha dan xi tghid:*

*-omissis-*

*Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza parzjali fl-atti tar-Rikors Numru 138/21TA fl-ismijiet D. Peak Limited (C12224) vs. Salkath Limited (C2173) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 2021, fejn inghad is-segwenti:-*

*-omissis-*

*Illi fil-kaz odjern s-socjeta konvenuta ritrattandi la giete notifikata bir-rikors promotur u bl-Avviz tas-smiegh, jew xi att iehor, u lanqas ssokkombiet ghal tali notifika stante illi qatt ma dehret matul is-smiegh tal-kawza.*

*Illi b'hekk huma sodisfatti z-zewg rekwiziti tal-Artikolu 811(b) u 812 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jidher bic-car illi jezistu ragunijiet konkreti li jaghtu lok biex il-kawza odjerna tigi mismugha mill-gdid u cioe' ritrattata, u dan wara li qabel xejn tigi mhassra is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru 2020.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' konvenuta ritrattandi, filwaqt li taghti l-garanzija ghall-ispejjez ai termini ta' l-Artikolu 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(I) Thassar u tannulla s-sentenza moghtija minnha nhar is-26 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet premessi, u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija;*

*(II) Tordna li tigi mismugha mill-gdid u cioe' ritrattata l-imsemmija kawza skont il-Ligi, u dan ai termini ta' l-Artikolu 811(b) u 812 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet 'a' Malta)*

*(III) Twaqqaf l-Esekuzzjoni tas-Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet premessi, pendenti s-smiegh ta' dan ir-rikors.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-atturi ritrattati minn issa in subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru 2021 fejn appuntat ir-rikors għas-smigħ għal nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2021 u ordnat li jiġi notifikat lill-kontro-parti;

Rat ir-risposta ppreżentata mill-atturi ritrattati fil-15 ta' Settembru 2021 fejn ġie sottomess:-

"*1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi l-indirizz indikat fir-rikors promotur, u cioe' 36, Victory Street, Qormi, huwa l-indirizz kif irregistrat mar-Registratur tal-Kumapaniji tas-socjeta' intimata, u hekk ghadu sa llum.*

*2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti, ma kellhom l-ebda raguni ohra biex ma jindikawx l-imsemmi indirizz fuq ir-rikors promotur, stante illi kif gia indikat dan kien ir-regsitered address tas-socjeta' intaimata.*

*3. Illi fit-tielet lok, is-socjeta' intimata, trid iggib provi fattwali u permezz ta' dokumenti, illi jippruvaw dan minnha allegat, sabiex l-azjoni taghhom tirnexxi.*

*4. Illi fir-raba' lok, anke jekk dan ippruvat, din l-Onorabbli Qorti trid ukoll tikkunsidra l-fatt, id-diffikulta' u l-kumplikazzjoni li tista' tinholoq f'cirkostanzi bhal dawn, meta fl-istess indiriz ikun hemm aktar minn socjeta jew persuni illi joperaw, u allura wiehed ma jkunx jista' jiddistingwi minn huwa impjegat ma' min.*

5. *Illi fis-sitt lok, jekk kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti issib illi hemm bazi ghal ritrattazzjoni, l-esponent m'ghandhom ibatu l-ebda spejjez.*

6. *Salv risposti ulterjuri"*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2023 u rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mis-soċjeta' ritrattanda waqt l-istess udjenza bl-awtorizzazzjoni tagħha;

Rat illi r-rikors ġie mħolli għal-lum sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talba għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' Ottubru 2020;

Ikkunsidrat;

Illi l-ilment in rescindente tal-kumpannija ritrattanda hu li ma saritx notifika lilha kif imiss tal-atti tal-kawża u konsegwentement, hija naqset milli tidher fl-ewwel proċedura u tikkontesta l-kawża u dan kollu wassal biex ġiet ikkundannata bis-sentenza li ngħatat fis-26 ta' Ottubru 2020. Tinvoka l-paragrafu (b) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

In materja ta' ritrattazzjoni huwa ritenut:-

"*... li l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet: fl-ewwel post, dik li tħassar għal kollox u mhux biss parzjalment sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi msemmija mil-liġi; u, fit-tieni post, dik li terġa' tinstama' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid. Qabel ma l-Qorti tkun sodisfatta li sabet raġuni*

*tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, m'għandhiex, bħala regola, tidħol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugħa bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir.*

…

*Illi b'żieda ma' dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, speċjalment meta r-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għamil tal-parti ritrattata, bħal f'dan il-każ.*"[2]

Huwa paċifikatament stabbilit fil-ġurisprudenza in materja illi minħabba n-natura eċċezzjoni tal-istitut tar-ritrattazzjoni, ir-rekwiżiti proċedurali għandhom jingħataw tifsira stretta u *ad litteram*. Inoltre, kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u għaddiet in ġudikat m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq imma biss għal raġunijiet serji u gravi li jnisslu konvinċiment f'dak li jkun li l-effikaċja kontinwata tas-sentenza tmur kontra l-ordni pubbliku.

"*Bħalma l-ordni pubbliku jippretendi ċ-ċertezza tad-determinazzjoni tad-drittijiet kontestati fis-sura ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, daqstant ieħor l-ordni pubbliku jrid li l-ebda sentenza li tkun milquta minn xi wieħed mid-difetti msemmija mil-liġi m'għandha titħalla sservi ta' paraventu għall-ħaqq.*"[3]

Illi peress illi s-sentenza li dwarha infetħet din il-proċedura kienet mogħtija minn din il-Qorti bħala qorti tal-ewwel grad, l-azzjoni tal-attur tinbena fuq l-artikolu 812 tal-Kap 12, kif japplika miegħu l-artikolu 811(b).

Artikolu 812 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

---

[2] **Soap and Sponge Co Ltd vs SMT Developers Co. Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 6.10.2005.

[3] **Soap and Sponge Co Ltd vs SMT Developers Co. Limited**, *ibid.*

*Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.*

Imbagħad, skont l-Artikolu 818(1)(b) tal-Kap. 12, din l-azzjoni trid issir fi żmien tliet (3) xhur minn dak inhar li l-attur isir jaf bis-sentenza li tkun ingħatat kontrih fil-proċeduri l-oħrajn fejn kien imħarrek.

"*Illi l-ġurisprudenza tagħna nterpretat il-kliem tal-liġi (Art. 818(1)(b)) "l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza" fis-sens li ebda formalita` ma hi meħtieġa; biżżejjed ikun jaf li ngħatat sentenza; "dan il-fatt jista' jiġi arguwit u deżunt mill-provi u ċirkostanzi li jnisslu fil-ġudikant il-konvinċiment li l-attur kien jaf*".[4]

F'dan il-każ jirriżulta mad-daqqa t'għajn li din il-ħtieġa appena msemmija ġiet imħarsa, għaliex it-talba għat-tħassir tas-sentenza u għas-smigħ mill-ġdid saret fit-2 ta' Settembru 2021, inqas minn xahar wara l-ispedizzjoni tal-ittra interpellatorja li, skont il-kumpannija ritrattanda, ġabet a konjizzjoni tagħha l-eżistenza tal-kawża u s-sentenza relattiva.

Ikkunsidrat;

Id-dispositiv tal-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, invokat mis-soċjeta' ritrattanda, jippostula żewġ elementi, ċioe`, (a) li l-parti sokkombenti fil-ġudizzju ma tkunx ġiet notifikata bl-att, u (b) li għalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret għas-smigħ tal-kawża.

Il-Qorti rat l-atti. Huwa inkontestat illi s-soċjeta' ritrattandi qatt ma dehret għas-smigħ tal-kawza. Jirriżulta wkoll illi r-Rikors Numru 276/19 fl-ismijiet **Dr. Remigio**

[4] **Av. Dr. Marisa Cassar noe v. Saadgroup Bank Europe Limited** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 3.10.19.

**Zammit Pace et v. Cafe Cuba Limited** u l-avviż tal-appuntament tal-kawża ġew notifikati lill-kumpannija ritrattanda fl-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa 36, Victory Street, Qormi.  Madankollu, il-kumpannija ritrattanda la ressqet Risposta u lanqas dehret il-Qorti fid-19 ta' Frar 2020.  Is-sentenza ngħatat fis-26 ta' Ottubru 2020.  L-avukat tar-ritrattati kiteb lill-kumpannija ritrattranda fil-5 ta' Awwissu, 2021 biex jitlobha tħallas dak kollu li kien ġie ordnat bl-imsemmija sentenza.

Illi l-proċedura ta' notifika ta' atti ġudizzjarji ta' korp li jkollu personalita' ġuridika distinta hija mfissra fl-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 moqri flimkien mal-Artikolu 181A(2) tal-istess Kap. 12.

Il-Qorti għalhekk trid tistħarreġ u tiddetermina jekk in-notifika tal-atti promoturi tal-kawża saritx kif imiss lis-soċjeta' ritrattandi u dan fit-termini tal-imsemmi Artikolu 187(4) tal-Kapitolu 12.

Tibda biex tosserva illi l-iskop tan-notifika huwa li jkollha l-assikurazzjoni li min jiġi mħarrek biex jidher quddiemha, jkun jaf ghal x'hiex kien ġie mħarrek u jkun f'posizzjoni illi jekk irid, iwieġeb għat-talba ta' min ħarrku u f'materja ta' notifiki ta' atti ġudizzjarji, il-proċedura mfissra fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12 trid tiġi segwita bir-reqqa u *ad litteram*, bin-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kull ma jkun sar bi ksur tagħha[5].

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju 2022 għamlet referenza għal sentenza preċedenti tagħha fl-ismijiet **Frances Bergedahl v. Francis Formosa** tas-6 ta' Mejju 2011 u qalet:-

"*Dik il-Qorti kompliet tfisser li l-liġi timponi kriterji oġġettivi u ladarba jirriżulta li dak li trid il-liġi, għall-fini ta' notifika, twettaq, il-konvenut f'kawża għandu jitqies notifikat, għal kull fini u effett tal-liġi u mhux imħolli li l-konvenut jistultifika l-iskop tal-liġi billi jittanta jsib mezz kif jaħrab in-notifika. Wara kollox, id-diversi mezzi ta'*

[5] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 27.6.2003, **Mario Tonna vs Holland & Hallett Ltd.**

*notifika, inkluż dawk ta' pubbliċita`, kif tipprovdi l-liġi, ġew magħmula proprju sabiex jindikaw iuris et de iure notifika personali u ladarba dak li trid il-liġi ġie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax taħrab mill-effetti tal-istess. Li kieku l-Qorti tagħti lok għal kriterji soġġettivi, dan mhux biss jista' jagħti lok għal abbuż, iżda jiġi mminat l-effett ta' res iudicata billi jinfetħu l-bibien għar-ritrattazzjoni taħt l-Artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12.*"

Bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12, biex notifika jitqies li saret sewwa, jeħtieġ jintwera li **jew** (a) tħalliet kopja tal-att fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju ewlieni, jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali, **f'idejn** persuna li jkollha r-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew segretarju tal-kumpannija, jew persuna oħra awtorizzata bil-miktub; **jew** (b) **f'idejn** xi ħadd mill-imsemmija persuni, imma billi titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' persuna bħal dik jew ta' prokuratur tagħha, jew f'idejn persuna awtorizzata minn persuna bħal dik biex tirċievi l-posta tagħha, fil-post fejn dik il-persuna tkun toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha

Il-kumpannija ritrattanda ssostni li hija saret taf bil-kawża biss meta rċeviet l-ittra tal-avukat tar-ritrattati u tikkontendi illi Marion Bugeja, il-persuna li rċeviet f'idejha l-atti tal-kawża fl-indirizz 36, Victory Street, Qormi, m'hijiex impjegata tagħha, m'hijiex direttur jew rappreżentat tagħha u lanqas ma hija persuna li hija awtorizzata tirċievi l-posta indirizzata lilha.  Tissokta tgħid illi Marion Bugeja hija persuna li taħdem ma' waħda mill-kumpanniji l-oħra li għandhom l-indirizz reġistrat tagħhom fl-istess binja fejn għandha l-indirizz reġistrata tagħha.

Mill-provi jirriżulta illi kumpannija ritrattanda tiġġestixxi n-negozju tagħha minn uffiċċju f'Canon Road, Santa Venera u mhux mill-fond 36, Victory Street, Qormi, fejn ġiet eżegwita n-notifika tal-kawża.  Jirriżulta wkoll illi l-persuna li laqgħat in-notifika tal-atti, Marion Bugeja, ma kienetx impjegata tagħha iżda ta' kumpannija oħra, John G. Cassar Limited, li wkoll huwa direttur tagħha Julian Sammut, id-direttur tal-istess

kumpannija ritrattanda. Fix-xhieda ntqal ukoll illi l-ebda impjegat tal-kumpannija Cafe Cuba Limited ma jaħdem fl-indirizz reġistrat, ċioe' 36, Victory Street, Qormi għaliex f'dak l-indirizz jaħdmu l-impjegati tal-kumpannija John G. Cassar Limited.

Marion Bugeja filwaqt li għarfet il-firma tagħha fuq ir-referta, xehdet quddiem il-Qorti illi dan ġie ffirmat minnha bi żball għaliex mhijiex awtorizzata tirċievi l-posta ta' Cafe Cuba Limited.

Julian Sammut, direttur tal-kumpannija Cafe Cuba Limited, xehed illi huwa sar jaf bil-kawża meta rċieva kopja tas-sentenza. Ikkonferma illi l-indirizz reġistrat ta' din il-kumpannija kien 36, Victory Street, Qormi iżda topera minn uffiċċju ġewwa Santa Venera. Meta ġie mistoqsi jekk kienx fis-seħħ dak iż-żmien arranġament biex il-posta ta' Cafe Cuba Limited li tasal fl-indirizz reġistrat, tiġi trasmessa lill-uffiċċju ġewwa Santa Venera, ix-xhud għalkemm deherlu li seta' kien hemm arranġament bħal dak, ma kienx f'pożizzjoni li jwieġeb b'ċertezza u qal li rarament ħafna kien hemm posta tal-kumpannija Cafe Cuba Limited li tintbagħat fl-indirizz reġistrat ġewwa Ħal Qormi.

Ikkunsidrat;

M'hemm kontestazzjoni u effettivament il-partijiet jidher li jaqblu illi l-indirizz fejn ġiet eżegwita n-notifika impunjata, ġewwa 36, Victory Street, Qormi, huwa l-indirizz reġistrat tal-kumpannija Cafe Cuba Limited[6]. Il-Qorti fehmet ukoll illi l-kumpannija Cafe Cuba Limited ġiet akkwistata mill-kumpannija Kitchen Concepts Limited b'riżultat ta' amalgamazzjoni li seħħet fit-13 ta' Ottubru 2021 u l-indirizz reġistrat ta' din il-kumpannija tal-aħħar huwa wkoll 36, Victory Street, Qormi.

Id-dokumenti li pproduċew fl-atti r-ritrattati, konsistenti f'kopji legali ta' tliet ittri ġudizzjarji li huma bagħtu lill-kumpannija Cafe Cuba Limited in konnessjoni mal-istess pretensjoni mertu tal-kawża li qed tintalab tinsama' mill-ġdid, jikkontradixxu pależement ix-xhieda ta' Marion Bugeja u Julian Sammut, in kwantu kuntrarjament

[6] Ma ġew prodotti ebda dokumenti uffiċjali li juru l-indirizz reġistrat tal-kumpannija ritrattrandi.

għal dak li ġie minnhom asserit, mhux talli n-notifika tal-atti tal-kawża fl-indirizz 36, Victory Street, Qormi ma kienetx avveniment rari, iżda Marion Bugeja kienet diġa' f'okkażjoni preċedenti iffirmat referta tan-notifika ta' att ġudizzjarju indirizzat lil Cafe Cuba Limited. Mhux hekk biss, dawn l-atti ġudizzjarji juru wkoll illi minkejja t-tentattivi evidenti ta' Julian Sammut biex jevita li jafferma jekk kienx hemm fis-seħħ arranġament intern għat-trasmissjoni lill-uffiċċju ta' Santa Venera, tal-posta tal-kumpannija Cafe Cuba Limited li tintbagħat fl-indirizz reġistrat f'Ħal Qormi, dan l-arranġament kien jeżisti u kien wieħed effettiv.

Kemm hu hekk, it-tliet atti ġudizzjarji appena msemmija, ilkoll notifikati fl-indirizz 36, Victory Street, Qormi, jidher li waslu tempestivament għand il-kumpannija Cafe Cuba Limited għaliex effettivament, hija wieġbet għaż-żewġ ittri ġudizzjarji spediti għall-fini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 (fis-26 ta' Settembru 2019 u fil-21 ta' Lulju 2020, rispettivament), b'nota responsiva li ġiet intavolata mhux biss entro t-terminu statutorju iżda wara biss ġimgħa min-notifika. Minbarra dan, u iktar sinjifikanti minn hekk, fl-ittra legali li ġiet spedita lill-avukat tas-soċjeta' ritrattandi għan-nom ta' Cafe Cuba Limited fis-27 ta' Novembru 2017, l-indirizz tal-kumpannija ġie indikat minnha stess bħala 36, Victory Street, Qormi.

Dawn il-fatti, komplessivament, ma jħallux wisq lok għal ekwivoku li kien hemm fis-seħħ xorta ta' arranġament għat-trasmissjoni lid-diriġenti tas-soċjeta' ritrattanda, Cafe' Cuba Limited, tal-posta indirizzata lilha li tkun ikkonsenjata ġewwa l-indirizz reġistrat, fejn twettqet in-notifika tal-atti tal-kawża. Dan qed jingħad għaliex Marion Bugeja, għad illi impjegata ta' kumpannija terza, kienet fil-passat tirċievi l-posta ta' Cafe' Cuba Limited inkluż atti ġudizzjarji indirizzati lilha, u kienet b'xi mod wasslithom lill-istess Cafe' Cuba Limited. Iżda dan l-arranġament jidher li kien wieħed informali anzicche' uffiċjali kif trid il-liġi.

Il-Qorti, fir-rigward, ma tistax tonqos milli tosserva illi l-fatt li fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija ritrattanda ma kien hemm ebda impjegat jew uffiċjal tagħha, u lanqas persuna bi struzzjonijiet formali li jirċievi l-posta tagħha, huwa nuqqas gravi li mhux

biss jista' jwassal għal konsegwenzi serji għaliha, talanqas fejn tidħol in-notifika ta' atti ġudizzjarji, iżda jwassal ukoll, bħalma ġara f'dan il-każ, għal ħela ta' ħin, spejjeż u riżorsi. Sistema li indubbjament, la hija waħda rakkommandabbli u lanqas waħda li taqdi l-ħtiġijiet ta' indirizz jew uffiċċju reġistrat għall-fini tal-Att dwar il-Kumpanniji (li jeħtieġ li l-indirizz uffiċjali għandu jkun is-sede tal-kumpannija). Għall-kuntrarju, huwa evidenti illi mhemmx sistema tajjeb ta' kif l-atti notifikati fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjeta' ritrattanda, jiġu segwiti u jitwasslu b'għaqal lil min għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-istess soċjeta' ritrattanda.

Iżda fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, il-Qorti tqis illi l-fatt li l-atti li ntlaqgħu ġewwa l-indirizz uffiċjali tas-soċjeta' ritrattanda u twasslu għandha, mhux biżżejjed għall-fini ta' notifika kif imiss skont il-liġi. Dan qed jingħad għaliex ma jirriżultax sodisfaċjentement illi Marion Bugeja kienet persuna awtorizzata bil-miktub mill-kumpannija biex tirċievi atti ġudizzjarji kif jeħtieġ il-paragrafu (a) tal-Artikolu 187(4) moqri flimkien mal-Artikolu 181A(2) tal-Kap. 12. Fil-fatt, din il-prova hija nieqsa bħalma hija nieqsa wkoll il-prova illi Marion Bugeja, għalkemm indubbjament kienet irċeviet drabi oħrajn il-posta reġistrata tal-kumpannija ritrattanda, kienet impjegata tal-kumpannija. Il-Qorti temmen illi kieku kienu jemmnu diversament, ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lir-ritrattati jipproduċu l-prova tal-impieg ta' Marion Bugeja jew li kellha xi kariga uffiċjali fil-kumpannija Cafe Cuba Limited bħal dawk imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181A tal-Kap. 12, u dan permezz tax-xhieda ta' rapprezentant tal-awtorita' jew entita' relattiva. Iżda dan m'għamluhx u għalhekk il-Qorti m'għandhiex quddiemha l-prova li jeħtieg is-subartikolu (4) tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12 sabiex in-notifika lill-korp titqies li saret kif imiss.

Din il-Qorti tqis illi ladarba ma jirriżultax ippruvat illi n-notifika twettqet skrupolożament skont kif jeħtieġ l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 - **għaliex il-provi juru li Marion Bugeja, il-persuna li laqgħet in-notifika tal-atti ġudizzjarji għan-nom tal-kumpannija ritrattanda, ma kienetx kompetenti biex tilqa' n-notifika peress li ma kienetx waħda mill-persuni msemmija mill-Artikolu 181A(2) tal-Kap. 12 u**

**baqa' ma ntweriex li din il-persuna kienet impjegata tal-kumpannija** - jikkonsegwi li l-ittra tal-liġi ma ġietx eżegwita kif meħtieġ.

Il-Qorti żgur mhijiex sejra tispekola dwar stat ta' fatt li ma ġiex ippruvat kif imiss.

Fuq kollox, huwa doveruż fuq il-Qorti, dejjem u f'kull każ, li tassigura illi r-rekwiżiti tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali dwar is-smigħ xieraq huma sodisfatti b'dan illi fejn jeżistu ekwivoċi dwar il-validita' ta' notifika, id-dubju għandu jmur favur dan il-prinċipju sagrosant. F'dan il-każ, billi *ex post* in-notifika jirriżulta illi n-notifika tal-atti promoturi tal-kawża ma saritx lil persuna destinatarja f'wieħed mil-lokalitajiet imsemmija fid-dispożizzjonijiet legali applikabbli, m'hijiex sodisfatta li l-ħtiġiet **kollha** tan-notifika a tenur tal-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12, liema ħtiġiet huma kumulattivi, kienu sodisfatti.

Billi madanakollu ir-ritrattati ma jaħtux għal dan in-nuqqas stante illi, kif rajna, ir-referta tan-notifika tnissel prezunzjoni *juris tantum* li n-notifika fl-indirizz reġistrat tagħha saret lil persuna kwalifikata skont il-liġi biex tilqa' n-notifika għan-nom tal-kumpannija, l-ispejjeż ta' dan l-episodju sejrin jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Għaldaqstant, qiegħda tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' Cafe Cuba Limited u tiddeċiedi li kien hemm tassew nuqqas ta' notifika tal-atti tal-kawża a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 u konsegwentement qiegħda tħassar is-sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet Dr. Remigio Zammit Pace et vs. Cafe Cuba Limited Rikors Numru 276/2019, u għall-fini tat-tieni talba, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza.**

**L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**